REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/2062

tat-13 ta' Novembru 2017

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 ([2]) iġib fis-seħħ il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.

(2) Fis-16 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill iddeċieda li jkompli jespandi l-projbizzjoni fuq l-investiment tal-UE fir-RDPK u/jew magħha lejn is-setturi kollha, inaqqas l-ammont ta' rimessi personali li jistgħu jintbagħtu lir-RDPK minn EUR 15 000 għal EUR 5 000 u jimponi projbizzjoni fuq l-esportazzjoni taż-żejt lir-RDPK.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1858 ([3]) emenda r-Regolament (UE) 2017/1509 biex iġib fis-seħħ il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.

(4) Il-Kunsill stieden ukoll lill-Kummissjoni tirrevedi l-lista ta' oġġetti ta' lussu, soġġetti għall-projbizzjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri.

(5) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 (ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1858 tas-16 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ĠU L 265 I, 16.10.2017, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

ANNESS

L-Anness VIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa sostitwit kif ġej:

"*ANNESS VIII*

Prodotti ta' lussu msemmija fl-Artikolu 10

NOTA TA' SPJEGAZZJONI

Il-kodiċijiet tan-nomenklatura ttieħdu min-Nomenklatura Magħquda kif definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana u kif stabbilit fl-Anness I tiegħu, li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, mutatis mutandis, kif emendati bil-leġislazzjoni sussegwenti.

(1) Żwiemel

	0101 21 00	Annimali ta' razza pura għar-razza
ex	0101 29 90	Oħrajn

(2) Kavjar u sostituti tal-kavjar

	1604 31 00	Kavjar
	1604 32 00	Sostituti tal-kavjar

(3) Tartuf u preparazzjonijiet tiegħu

	0709 59 50	Tartuf
ex	0710 80 69	Oħrajn
ex	0711 59 00	Oħrajn
ex	0712 39 00	Oħrajn
ex	2001 90 97	Oħrajn
	2003 90 10	Tartuf
ex	2103 90 90	Oħrajn
ex	2104 10 00	Sopop u brodi u preparazzjonijiet tagħhom
ex	2104 20 00	Preparazzjonijiet tal-ikel komposti omoġenizzati
ex	2106 00 00	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra

(4) Inbejjed (inklużi l-inbejjed spumanti), birer, spirti u xorb li fih l-alkoħol

	2203 00 00	Birra magħmula minn xgħir (malt)
	2204 10 11	Xampanja
	2204 10 91	Asti Spumante
	2204 10 93	Oħrajn
	2204 10 94	B'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)
	2204 10 96	Inbejjed varjetali oħra

	2204 10 98	Oħrajn
	2204 21 00	F'kontenituri li jesgħu 2 litri jew inqas
	2204 29 00	Oħrajn
	2205 00 00	Vermut u inbid ieħor ta' għeneb frisk imħawrin bi pjanti jew sustanzi aromatiċi
	2206 00 00	Xorb ieħor iffermentat (bħala eżempju, sidru, perry, mead, saké); taħlit ta' xorb iffermentat u taħlit ta' xorb iffermentat b'xorb li ma huwiex alkoħoliku, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
	2207 10 00	Alkoħol etiliku mhux żnaturat ta' saħħa alkoħolika bil-volum ta' 80 % vol jew aktar
	2208 00 00	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xorb ieħor spirituż

(5) Sigarri u sigarri żgħar

	2402 10 00	Sigarri, cheroots u cigarillos, li fihom tabakk
	2402 90 00	Oħrajn

(6) Fwejjaħ, fwejjaħ tat-twaletta u kosmetiċi, inklużi prodotti tas-sbuħija u make-up

	3303	Fwejjaħ u ilmijiet tat-twaletta
	3304 00 00	Preparazzjonijiet tas-sbuħija jew tal-make-up u preparazzjonijiet għall-kura tal-ġilda (ħlief medikamenti), inklużi preparazzjonijiet għall-ilqugħ jew għas-smurija tal-ġilda mix-xemx; preparazzjonijiet għat-trattament tal-idejn u għat-trattament tas-saqajn
	3305 00 00	Preparazzjonijiet għal użu fuq ix-xagħar
	3307 00 00	Preparazzjonijiet għal qabel, waqt jew wara t-tqaxxir tal-leħja, deodoranti personali, preparazzjonijiet għall-banju, preparazzjonijiet għat-tneħħija tax-xagħar u fwejjaħ oħrajn, preparazzjonijiet kosmetiċi jew tat-twaletta, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; deodorizzanti ppreparati għal kmamar, imfewħin jew bi proprjetajiet disinfettanti jew le
	6704 00 00	Parrokki, daqniet foloz, ħuġbejn u xagħar ta' xfar l-għajnejn, trofof marbutin minn tarf wieħed u bħalhom, ta' xagħar uman jew ta' annimali jew ta' materjali ta' tessuti; oġġetti ta' xagħar uman mhux speċifikati jew inklużi band'oħra

(7) Prodotti tal-ġilda, tas-sarġ u tal-ivvjaġġar, basktijiet u oġġetti simili b'valur li jkun aktar minn EUR 50 kull wieħed

ex	4201 00 00	Oġġetti tas-sarraġ u xedd għal kull annimal (inklużi tiranti, ċineg, protezzjoni għall-irkubbtejn, sarimi, drapp għas-sarġ, boroż għas-sarġ, kowtijiet għal klieb u bħalhom), ta' kull materjal
ex	4202 00 00	Bagolli, valiġġi, vanity-cases, executive-cases, brief-cases, basktijiet tal-iskola, kaxex għan-nuċċalijiet, kaxex għat-trombi, kaxex tal-kamera, kaxex ta' strumenti tal-mużika, kaxex ta' xkubetti, stoċċijiet tal-pistola u kontenituri simili; bagalji għas-safar, boroż iżolati għal ikel jew xorb, boroż tat-twaletta, barżakki, boroż tal-idejn, boroż tax-xiri, kartieri, portmonijiet, kaxex għall-mapep, kaxex għas-sigarretti, boroż tat-tabakk, boroż tal-għodda, boroż tal-isports, kaxex tal-fliexken, kaxex għall-ġojjelli, kaxex tat-terra, kaxex tal-pożati u kontenituri bħalhom, tal-ġilda jew ta' ġilda artifiċjali, ta' folji tal-plastiks, ta' materjali tessili, ta' fibra vulkanizzata jew tal-kartun, jew kollha jew prinċipalment miksijin b'dawn il-materjali jew bil-karta
ex	4205 00 90	Oħrajn
ex	9605 00 00	Settijiet tal-ivvjaġġar għat-twaletta personali, tal-ħjata jew għat-tindif taż-żraben jew tal-ħwejjeġ

(8) Kowtijiet b'valur li jkun aktar minn EUR 75 kull wieħed, u ħwejjeġ, aċċessorji tal-ħwejjeġ u żraben oħra (indipendentement mill-materjal tagħhom) b'valur li jkun aktar minn EUR 20 kull wieħed

ex	4203 00 00	Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, tal-ġilda jew ta' ġilda artifiċjali
ex	4303 00 00	Oġġetti ta' ħwejjeġ, aċċessorji ta' lbies u oġġetti oħrajn tal-fer
ex	6101 00 00	Surtù, car coats, kapep, imnatar, anoraks (inklużi ġkieket tal-iskijar), wind-cheaters, ġkieket għarriħ u oġġetti simili tal-irġiel jew tas-subien, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, ħlief dawk ta' titlu 6103
ex	6102 00 00	Surtù, car coats, kapep, imnatar, anoraks (inklużi ġkieket tal-iskijar), wind-cheaters, ġkieket għarriħ u oġġetti simili tan-nisa jew tal-bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, ħlief dawk ta' titlu 6104
ex	6103 00 00	Ilbiesi sħaħ, ensembles, ġkieket, blejżers, qliezet, owverols b'vavalor u ċineġ, qliezet li jaslu u jintrabtu taħt l-irkoppa (breeches) u xorzijiet (ħlief malji tal-għawm) tal-irġiel jew tas-subien, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6104 00 00	Ilbiesi sħaħ, ensembles, ġkieket, blejżers, ilbiesi, dbielet, dbielet mifrudin, qliezet, owverols b'vavalor u ċineġ, qliezet li jaslu u jintrabtu taħt l-irkoppa (breeches) u xorzijiet (ħlief malji tal-għawm) tan-nisa jew tal-bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6105 00 00	Qomos tal-irġiel jew tas-subien, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6106 00 00	Blawżijiet, qomos u qomos-blawżijiet tan-nisa jew tal-bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6107 00 00	Qliezet ta' taħt, briefs, qomos tas-sodda, piġami, ġagagi tal-banju, blużi ta' ġewwa u oġġetti simili tal-irġiel jew tas-subien, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6108 00 00	Ilbiesi ta' taħt, dbielet ta' taħt, briefs, qliezet ta' taħt, ilbiesi tas-sodda, piġami, négligés, ġagagi tal-banju, blużi ta' ġewwa u oġġetti simili tan-nisa jew tal-bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6109 00 00	T-shirts, flokkijiet ta' taħt taċ-ċingi u flokkijiet ta' taħt oħra, maħduma bil-labar jew bil-ganċ
ex	6110 00 00	Ġersijiet, pulowvers, kardigans, sdieri u oġġetti simili, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6111 00 00	Ħwejjeġ u aċċessorji ta' ħwejjeġ ta' trabi, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6112 11 00	Tal-qoton
ex	6112 12 00	Ta' fibri sintetiċi
ex	6112 19 00	Ta' materjali ta' tessuti oħrajn
	6112 20 00	Ilbiesi tal-iskijar
	6112 31 00	Ta' fibri sintetiċi
	6112 39 00	Ta' materjali ta' tessuti oħrajn
	6112 41 00	Ta' fibri sintetiċi
	6112 49 00	Ta' materjali ta' tessuti oħrajn
ex	6113 00 10	Ta' drappijiet maħdumin bil-labar jew bil-ganċ ta' titlu 5906
ex	6113 00 90	Oħrajn
ex	6114 00 00	Ħwejjeġ oħrajn, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6115 00 00	Pantyhose, tajts, kalzetti, kalzetti qosra u maljerija oħra, inklużi maljerija b'kompressjoni gradwata (pereżempju, kalzetti għal vini varikożi) u lbies għar-riġlejn maħdumin bil-labar jew bil-ganċ mingħajr qigħan imwaħħlin

ex	6116 00 00	Ingwanti, ingwanti li jgħattu erba' swaba' biss (mittens) u ingwantili jgħattu nofs is-swaba' biss (mitts), maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6117 00 00	Aċċessorji oħrajn ta' lbies manifatturati, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ; biċċiet ta' ħwejjeġ jew ta' aċċessorji tal-ħwejjeġ maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
ex	6201 00 00	Surtù, car coats, kapep, imnatar, anoraks (inklużi ġkieket tal-iskijar), wind-cheaters, ġkieket għarriħ u oġġetti simili tal-irġiel jew tas-subien, ħlief dawk ta' titlu 6203
ex	6202 00 00	Surtù, car coats, kapep, imnatar, anoraks (inklużi ġkieket tal-iskijar), wind-cheaters, ġkieket għarriħ u oġġetti simili tan-nisa jew tal-bniet, ħlief dawk ta' titlu 6204
ex	6203 00 00	Ilbiesi sħaħ, ensembles, ġkieket, blejżers, qliezet, owverols b'vavalor u ċineġ, qliezet li jaslu u jintrabtu taħt l-irkoppa (breeches) u xorzijiet (ħlief malji tal-għawm) tal-irġiel jew tas-subien
ex	6204 00 00	Ilbiesi sħaħ, ensembles, ġkieket, blejżers, ilbiesi, dbielet, dbielet mifrudin, qliezet, owverols b'vavalor u ċineġ, qliezet li jaslu u jintrabtu taħt l-irkoppa (breeches) u xorzijiet (ħlief malji tal-għawm) tan-nisa jew tal-bniet
ex	6205 00 00	Qomos tal-irġiel u tas-subien
ex	6206 00 00	Blawżijiet, qomos u qomos-blawżijiet tan-nisa jew tal-bniet
ex	6207 00 00	Flokkijiet ta' taħt taċ-ċingi u flokkijiet ta' taħt oħrajn, qliezet ta' taħt, briefs, qomos tas-sodda, piġami, ġagagi tal-banju, blużi ta' ġewwa u oġġetti simili tal-irġiel jew tas-subien
ex	6208 00 00	Flokkijiet ta' taħt taċ-ċingi u flokkijiet ta' taħt oħrajn, ilbiesi ta' taħt, dbielet ta' taħt, briefs, qliezet ta' taħt, ilbiesi tas-sodda, piġami, négligés, ġagagi tal-banju, blużi ta' ġewwa u oġġetti simili tan-nisa jew tal-bniet
ex	6209 00 00	Ħwejjeġ u aċċessorji ta' ħwejjeġ ta' trabi
ex	6210 10 00	Ta' drappijiet ta' titlu 5602 jew 5603
ex	6210 20 00	Ħwejjeġ oħrajn, tat-tip deskritt f'subtitli 6201 11 sa 6201 19
ex	6210 30 00	Ħwejjeġ oħrajn, tat-tip deskritt f'subtitli 6202 11 sa 6202 19
ex	6210 40 00	Ħwejjeġ oħrajn tal-irġiel jew tas-subien
ex	6210 50 00	Ħwejjeġ oħrajn tan-nisa jew tal-bniet
	6211 11 00	Tal-irġiel jew tas-subien
	6211 12 00	Tan-nisa jew tal-bniet
	6211 20 00	Ilbiesi tal-iskijar
ex	6211 32 00	Tal-qoton
ex	6211 33 00	Ta' fibri magħmulin mill-bniedem
ex	6211 39 00	Ta' materjali ta' tessuti oħrajn
ex	6211 42 00	Tal-qoton
ex	6211 43 00	Ta' fibri magħmulin mill-bniedem
ex	6211 49 00	Ta' materjali ta' tessuti oħrajn
ex	6212 00 00	Riċipettijiet, ċinet, kurpetti, ċineg, suspenders, takkalji u oġġetti simili u partijiet tagħhom, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ jew le
ex	6213 00 00	Imkatar

ex	6214 00 00	Xalel, xarpi, maflers, mantilji, velijiet u bħalhom
ex	6215 00 00	Ingravajjet, ċfuf u mkatar tal-għonq
ex	6216 00 00	Ingwanti, ingwanti li jgħattu erba' swaba biss (mittens) u ingwanti li jgħattu nofs is-swaba' biss (mitts)
ex	6217 00 00	Aċċessorji oħrajn tal-ħwejjeġ manifatturati; Biċċiet ta' ilbiesi jew ta' aċċessorji ta' ilbies, ħlief dawk ta' titlu 6212
ex	6401 00 00	Ilbies għar-riġlejn li minnu ma jgħaddix ilma bil-qigħan ta' barra u l-uċuħ tal-lastiku jew tal-plastiks, li l-uċuħ tagħhom la huma mwaħħlin lanqas immuntati mal-qiegħ bi ħjata, imsiemer irbattuti (rivets), imsiemer, viti, tappijiet jew proċessi simili
ex	6402 20 00	Ilbies għar-riġlejn b'uċuħ ta' ċineg jew strixxi immuntati mal-qiegħ permezz ta' tappijiet
ex	6402 91 00	Jgħatti l-għaksa
ex	6402 99 00	Oħrajn
ex	6403 19 00	Oħrajn
ex	6403 20 00	Ilbies għar-riġlejn b'qigħan ta' barra tal-ġilda, u b'uċuħ li jikkonsistu f'ċineg tal-ġilda matul wiċċ is-sieq u madwar is-saba' l-kbir
ex	6403 40 00	Ilbies ieħor għar-riġlejn, li fih maskaretta protettiva ta' metall
ex	6403 51 00	Jgħatti l-għaksa
ex	6403 59 00	Oħrajn
ex	6403 91 00	Jgħatti l-għaksa
ex	6403 99 00	Oħrajn
ex	6404 19 10	Papoċċi u lbies tar-riġlejn ieħor ta' ġewwa
ex	6404 20 00	Ilbies għar-riġlejn bil-qigħan ta' barra tal-ġilda jew ta' kompożizzjoni ta' ġilda
ex	6405 00 00	Ilbies ieħor għar-riġlejn
ex	6504 00 00	Kpiepel u ilbies ieħor tar-ras, tat-tibna jew magħmulin bl-immuntar ta' strixxi ta' xi materjal, inforrati jew mirqumin jew le
ex	6505 00 10	Tal-feltru tal-fer jew tal-feltru tas-suf u fer, magħmul mill-qofsa tal-kpiepel, barnuża jew plateaux ta' titlu 6501 00 00
ex	6505 00 30	Brieret bil-pizz
ex	6505 00 90	Oħrajn
ex	6506 99 00	Ta' materjali oħrajn
ex	6601 91 00	B'lasta teleskopika
ex	6601 99 00	Oħrajn
ex	6602 00 00	Bsaten għall-mixi, bsaten siġġu, swat, frosti u bħalhom
ex	9619 00 81	Ħrieqi u qliebi għat-trabi

(9) Twapet, raggs u tapezzeriji minsuġa bl-idejn, jew le

	5701 00 00	Twapet u kisi tal-art ieħor ta' tessuti, bl-għoqiedi, manifatturati jew le
	5702 10 00	"Kelem", "Schumacks", "Karamanie" u twapet simili minsuġin bl-idejn
	5702 20 00	Kisi tal-art tal-fibri tal-ġewż tal-Indi (kajjar)
	5702 31 80	Oħrajn
	5702 32 00	Ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem
	5702 39 00	Ta' materjali ta' tessuti oħrajn
	5702 41 90	Oħrajn
	5702 42 00	Ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem
	5702 50 00	Oħrajn, mhux tal-pil, mhux manifatturati
	5702 91 00	Ta' suf jew xagħar fin ta' annimali
	5702 92 00	Ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem
	5702 99 00	Ta' materjali ta' tessuti oħrajn
	5703 00 00	Twapet u kisi tal-art ieħor ta' tessuti, bil-bżiebeż, manifatturati jew le
	5704 00 00	Twapet u kisi tal-art ieħor ta' tessuti, tal-feltru, mingħajr bżiebeż jew trofof, manifatturati jew le
	5705 00 00	Twapet oħrajn u kisi tal-art ieħor ta' tessuti, manifatturati jew le
	5805 00 00	Tapizzeriji maħdumin bl-idejn tat-tip Gobelins, Flanders, Aubusson, Beauvais u bħalhom, u tapizzeriji maħdumin bil-labra (pereżempju, petit point, pont xewka), manifatturati jew le

(10) Perli, ħaġar prezzjuż u semiprezzjuż, oġġetti bil-perli, ġojjelli, oġġetti magħmula minn arġentiera jew minn min jaħdem id-deheb

	7101 00 00	Perli, naturali jew kultivati, maħdumin jew le jew iggradati iżda mhux midmumin, immuntati jew ingastati; perli, naturali jew kultivati, midmumin temporanjament għal konvenjenza fil-ġarr
	7102 00 00	Djamanti, maħdumin jew le, iżda mhux immuntati jew ingastati
	7103 00 00	Ħaġar prezzjuż (ħlief djamanti) u ħaġar semi-prezzjuż, maħdum jew iggradat jew le iżda mhux midmum, immuntat jew ingastat; ħaġar prezzjuż mhux iggradat (ħlief djamanti) u ħaġar semi-prezzjuż, midmum temporanjament għal konvenjenza fil-ġarr
	7104 20 00	Oħrajn, mhux maħdumin jew sempliċiment issegati jew iffurmati ħorox
	7104 90 00	Oħrajn
	7105 00 00	Għabra u trab ta' ħaġar prezzjuż jew semi prezzjuż naturali jew artifiċjali
	7106 00 00	Fidda (inkluża fidda miksija bid-deheb jew platinu), mhux maħduma jew f'għamliet semimanifatturati, jew f'għamla ta' trab
	7107 00 00	Metalli ta' valur baxx miksijin bil-fidda, mhux maħdumin aktar ħlief semi-manifatturati
	7108 00 00	Deheb (inkluż deheb miksi bi platinu), mhux maħdum jew f'għamla semimanifatturata, jew f'għamla ta' trab
	7109 00 00	Metalli ta' valur baxx jew fidda, miksijin bid-deheb, mhux maħdumin aktar ħlief semimanifatturati

	7110 11 00	Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab
	7110 19 00	Oħrajn
	7110 21 00	Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab
	7110 29 00	Oħrajn
	7110 31 00	Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab
	7110 39 00	Oħrajn
	7110 41 00	Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab
	7110 49 00	Oħrajn
	7111 00 00	Metalli ta' valur baxx, fidda jew deheb, miksijin bil-platinu, mhux maħdumin aktar ħlief semimanifatturati
	7113 00 00	Oġġetti ta' ġojjelli u partijiet tagħhom, ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż
	7114 00 00	Oġġetti ta' arġentiera jew ta' min jaħdem il-fidda u bċejjeċ tagħhom, ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż
	7115 00 00	Oġġetti oħrajn ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż
	7116 00 00	Oġġetti ta' perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż (naturali, artifiċjali jew rikostrutt)

(11) Muniti u karti ta' flus, mhux valuta legali

ex	4907 00 30	Karti ta' flus
	7118 10 00	Munita (ħlief munita tad-deheb), li mhix valuta legali
ex	7118 90 00	Oħrajn

(12) Pożati ta' metall prezzjuż miksija jew indurati b'metall prezzjuż

	7114 00 00	Oġġetti ta' arġentiera jew ta' min jaħdem il-fidda u bċejjeċ tagħhom, ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż
	7115 00 00	Oġġetti oħrajn ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż
ex	8214 00 00	Oġġetti oħrajn ta' pożati (pereżempju, qattiegħa tax-xagħar, skieken b'xafra wiesgħa tal-biċċiera jew tal-kċina, mannari u skieken tal-ikkapuljat, taljakarti); settijiet u strumenti ta' manikjur jew pedikjur (inklużi limi tad-dwiefer)
ex	8215 00 00	Mgħaref, frieket, kuċċaruni, xkumaturi, cake servers, skieken tal-ħut, skieken tal-butir, pinzetti taz-zokkor u oġġetti simili tal-kċina jew tal-mejda
ex	9307 00 00	Xwabel, xablotti, bajonetti, lanez u armi simili u partijiet tagħhom u inforor u għantijiet għalihom

(13) Oġġetti tal-mejda tal-porċellana, tal-kina, tal-ġebla jew tal-fuħħar jew fajjenza fina

	6911 00 00	Oġġetti tal-mejda, oġġetti tal-kċina, oġġetti oħrajn tad-dar u oġġetti tat-twaletta, tal-porċellana jew tal-kina
	6912 00 23	Oġġetti magħmulin mill-ġebla

	6912 00 25	Fuħħar jew fajjenza fina
	6912 00 83	Oġġetti magħmulin mill-ġebla
	6912 00 85	Fuħħar jew fajjenza fina
	6914 10 00	Tal-porċellana jew tal-kina
	6914 90 00	Oħrajn

(14) Oġġetti tal-kristall taċ-ċomb

ex	7009 91 00	Mingħajr gwarniċ
ex	7009 92 00	Bi gwarniċ
ex	7010 00 00	Damiġġani, fliexken, karaffi, vażetti, borom, fjali, impulluzzi u kontenituri oħrajn, ta' ħġieġ, ta' tip użati għall-ġarr jew ippakkjar ta' merkanzija; vażetti tal-ħġieġ għal ippreservar; tappijiet, għotien u tipi ta' għeluq ieħor, ta' ħġieġ
	7013 22 00	Ta' kristall taċ-ċomb
	7013 33 00	Ta' kristall taċ-ċomb
	7013 41 00	Ta' kristall taċ-ċomb
	7013 91 00	Ta' kristall taċ-ċomb
ex	7018 10 00	Żibeġ tal-ħġieġ, perli artifiċjali, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż artifiċjali u oġġetti żgħar tal-ħġieġ simili
ex	7018 90 00	Oħrajn
ex	7020 00 80	Oħrajn
ex	9405 10 50	Tal-ħġieġ
ex	9405 20 50	Tal-ħġieġ
ex	9405 50 00	Bozoz u tagħmir (fittings) tad-dawl mhux tal-elettriku
ex	9405 91 00	Tal-ħġieġ

(15) Oġġetti elettroniċi għall-użu domestiku b'valur li jkun aktar minn EUR 50 kull wieħed

ex	8414 51	Fannijiet għall-mejda, għall-art, għat-tieqa jew għas-saqaf, b'mutur tal-elettriku fihom stess li ma jitfax aktar minn 125 W
ex	8414 59 00	Oħrajn
ex	8414 60 00	Għata (hoods) b'ġenb orizzontali massimu mhux aktar minn 120 cm
ex	8415 10 00	Tipi għat-twieqi jew għall-ħajt, kollox fihom stess jew sistemi maqsumin (split system)
ex	8418 10 00	Refriġerejters-friżi kombinati, mgħammrin b'bibien ta' barra separati
ex	8418 21 00	Tip bil-kompressur
ex	8418 29 00	Oħrajn
ex	8418 30 00	Friżi tat-tip senduq, ma jesgħux aktar minn 800 litru

ex	8418 40 00	Friżi tat-tip wieqaf, li jesgħu mhux aktar minn 900 litru
ex	8419 81 00	Biex isiru xarbiet sħan jew għat-tisjir jew tiskin ta' ikel
ex	8422 11 00	Ta' tip tad-dar
ex	8423 10 00	Magni ta' użin tal-persuna, inklużi mwieżen għat-trabi; mwieżen tad-dar
ex	8443 12 00	Makkinarju ta' stampar offset, jieħu folji tal-karta, tat-tip tal-uffiċċju (li juża folji b'naħa minnhom li ma taqbiżx it-22 cm u n-naħa l-oħra ma taqbiżx is-36 cm fl-istat tagħhom meta mhux mitwija)
ex	8443 31 00	Magni li jwettqu żewġ funzjonijiet jew aktar ta' stampar, ikkupjar jew trasmissjoni tal-faksimile, li huma kapaċi jaqbdu ma' magna awtomatika tal-ipproċessar ta' data jew ma' netwerk
ex	8443 32 00	Oħrajn, kapaċi jaqbdu ma' magna awtomatika tal-ipproċessar ta' data jew ma' netwerk
ex	8443 39 00	Oħrajn
ex	8450 11 00	Magni kompletament awtomatiċi
ex	8450 12 00	Magni oħrajn, b'magna li tnixxef ċentrifuga mibnija fihom
ex	8450 19 00	Oħrajn
ex	8451 21 00	Kull waħda tesa' mhux aktar minn 10 kg ħwejjeġ xotti
ex	8452 10 00	Magni tal-ħjata ta' tip għad-dar
ex	8470 10 00	Magni li jikkalkulaw elettroniċi li jistgħu jaħdmu mingħajr sors ta' enerġija elettrika estern u magni qies tal-but b'funzjonijiet li jikkalkulaw biex jirrekordjaw, jirriproduċu u juru data
ex	8470 21 00	Li fihom mezz għall-istampar
ex	8470 29 00	Oħrajn
ex	8470 30 00	Magni oħrajn li jikkalkulaw
ex	8471 00 00	Magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data u unitajiet tagħhom; apparat li jaqra b'sistema manjetika jew ottika, magni biex jittraskrivu data fuq mezzi ta' data f'għamla kkowdjata u magni biex jipproċessaw din id-data, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
ex	8472 90 40	Magni għall-ipproċessar tal-kliem (word-processing)
ex	8472 90 90	Oħrajn
ex	8479 60 00	Kondizzjonaturi tal-arja evaporattivi
ex	8508 11 00	Ta' qawwa li ma taqbiżx l-1 500 W u li għandhom borża għat-trab jew kapaċità oħra ta' reċipjent li ma taqbiżx l-20 l
ex	8508 19 00	Oħrajn
ex	8508 60 00	Vacuum cleaners oħrajn
ex	8509 80 00	Għodod oħrajn
ex	8516 31 00	Nixxiefa tax-xagħar
ex	8516 50 00	Fran bil-majkrowejv
ex	8516 60 10	Kukers (li fihom għallinqas forn u hob)

ex	8516 71 00	Magni li jagħmlu kafe' jew te'
ex	8516 72 00	Towsters
ex	8516 79 00	Oħrajn
ex	8517 11 00	Settijiet tat-telefown tal-linja b'handsets mingħajr fili
ex	8517 12 00	Telefowns għal netwerks ċellulari jew netwerks oħra bla wajer
ex	8517 18 00	Oħrajn
ex	8517 61 00	Stazzjonijiet bażi
ex	8517 62 00	Magni għar-riċezzjoni, konverżjoni u trasmissjoni jew riġenerazzjoni ta' vuċi, immaġini jew data oħra, inkluż tagħmir għall-qlib tal-linji u routing
ex	8517 69 00	Oħrajn
ex	8526 91 00	Apparat tar-radju għal għajnuna għan-navigazzjoni
ex	8529 10 31	Għal riċezzjoni permezz ta' satellita
ex	8529 10 39	Oħrajn
ex	8529 10 65	Antenni ta' ġewwa għal riċevituri ta' xandir ta' radju jew televiżjoni, inklużi tipi built-in
ex	8529 10 69	Oħrajn
ex	8531 10 00	Allarmi tas-serq jew tan-nar u apparat simili
ex	8543 70 10	Magni tal-elettriku b'funzjonijiet ta' traduzzjoni jew dizzjunarju
ex	8543 70 30	Amplifikaturi tal-antenni
ex	8543 70 50	Sodod għat-tixmix, lampi għat-tixmix u tagħmir simili għat-tixmix
ex	8543 70 90	Oħrajn
	9504 50 00	Pannelli għall-kontroll (consoles) u magni ta' logħob tal-vidjow, għajr dawk taħt titlu 9504 30
	9504 90 80	Oħrajn

(16) Apparat elettriku/elettroniku jew ottiku biex jirrekordja u jirriproduċi l-ħoss u l-immaġni, b'valur li jkun aktar minn EUR 50 kull wieħed

ex	8519 00 00	Tagħmir ta' rrekordjar jew riproduzzjoni tal-ħoss
ex	8521 00 00	Apparat li jirrekordja jew jirriproduċi vidjow, li fihom jew ma fihomx tuner tal-vidjow
ex	8525 80 30	Kameras diġtali
ex	8525 80 91	Jistgħu jirreġistraw biss ħoss u immaġni meħudin b'telekamera
ex	8525 80 99	Oħrajn
ex	8527 00 00	Tagħmir ta' riċezzjoni għax-xandir bir-radju, kemm jekk huwa kkumbinat u kemm jekk mhuwiex, fl-istess kaxxa (housing), ma tagħmir għar-rekordjar jew riproduzzjoni jew arloġġ

ex	8528 71 00	Li mhuwiex iddiżinjat sabiex jinkorpora fih display jew skrin tal-vidjow
ex	8528 72 00	Oħrajn, tal-kulur
ex	9006 00 00	Kameras fotografiċi (ħlief ċinematografiċi); apparat għall-flaxx u bozoz tal-flaxx fotografiċi ħlief bozoz ta' disċarġ tal-intestatura 8539:
ex	9007 00 00	Kameras u proġekters ċinematografiċi, b'apparat għal irrekordjar jew riproduzzjoni tal-ħoss jew mingħajru

(17) Vetturi għat-trasport ta' persuni fuq l-art, fl-ajru jew fuq il-baħar b'valur li jkun aktar minn EUR 10 000 kull wieħed, teleferiki, liftijiet-siġġu, ski-draglines, mekkaniżmi ta' ġbid għal funikulari, muturi b'valur li jkun aktar minn EUR 1 000 kull wieħed, kif ukoll l-aċċessorji u l-ispare parts tagħhom

ex	4011 10 00	Ta' tip użat f'vetturi bil-mutur (inklużi station wagons u karozzi tat-tlielaq)
ex	4011 20 00	Ta' tip użat f'karozzi tal-linja jew trakkijiet
ex	4011 30 00	Ta' tip użat fuq bċejjeċ tal-ajru
ex	4011 40 00	Ta' tip użat fuq muturi
ex	4011 90 00	Oħrajn
ex	7009 10 00	Mirja biex tara wara għal vetturi
ex	8407 00 00	Magni li jaqbdu bi xrara bil-moviment alternat jew magni rotatorji bil-pistuni b'kombustjoni interna
ex	8408 00 00	Magni li jaqbdu b'kompressjoni bil-pistuni b'kombustjoni interna (magni diżil jew semidiżil)
ex	8409 00 00	Partijiet tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-magni ta' titlu 8407 jew 8408
ex	8411 00 00	Turbo ġettijiet, turbo skrejjen u turbini oħrajn ta' gass.
	8428 60 00	Teleferiki, liftijiet-siġġu, ski-draglines; mekkaniżmi ta' ġbid għal funikulari
ex	8431 39 00	Partijiet u aċċessorji ta' teleferiki, liftijiet-siġġu, ski-draglines; mekkaniżmi ta' ġbid għal funikulari
ex	8483 00 00	Xaftijiet ta' trasmissjoni (inklużi kamxafts u krankxafts) u krankijiet ħofor tal-berings u berings tax-xaft lixxi; gerijiet u settijiet ta' gerijiet; viti tal-boċċi jew tar-rombli; kaxex tal-gerijiet u oġġetti oħrajn li jibdlu l-veloċità, inklużi torque converters; volanti (flywheels) u tarjoli, inklużi blokok ta' tarjoli; klaċċijiet u ggankjar tax-xaft (couplings) (inklużi universal joints)
ex	8511 00 00	Tagħmir tal-elettriku biex iqabbad jew jistartja ta' tip użat għal magni b'kombustjoni interna bi tqabbid bix-xrara jew tqabbid bil-kompressjoni (pereżempju, manjeti għat-tqabbid, dinamos bil-manjete, koljaturi tat-tqabbid, sparking plugs u xemgħat inkandexxenti, muturi għall-istartjar); ġeneraturi (pereżempju, dinamos, alternaturi) u cut-outs ta' tip użat flimkien ma' dawn il-magni
ex	8512 20 00	Tagħmir ieħor tad-dawl jew tas-sinjalar viżwali
ex	8512 30 10	Allarmi tas-serq ta' tip użat għal vetturi bil-mutur
ex	8512 30 90	Oħrajn
ex	8512 40 00	Wajpers tal-windskrins, defrostaturi u demisters
ex	8544 30 00	Settijiet ta' sistemi ta' wajers għat-tqabbid jew settijiet oħrajn ta' sistemi ta' wajers ta' tip użat f'vetturi, biċċiet tal-ajru jew bastimenti

ex	8603 00 00	Kowċijiet, vannijiet u trakkijiet li jitħarrku minnhom infushom (self-propelled) ta' ferroviji jew linji tat-tramm, ħlief dawk ta' titlu 8604
ex	8605 00 00	Kowċijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija jew tal-linja tat-tramm, ma jitħarrkux minnhom infushom (not self-propelled); vannijiet għall-valiġġi, kowċijiet tal-uffiċċju tal-posta u kowċijiet oħrajn b'għanijiet apposta tal-ferrovija jew tal-linja tat-tramm, ma jitħarrkux minnhom infushom (not self-propelled) (ħlief dawk ta' titlu 8604)
ex	8607 00 00	Partijiet ta' lokomottivi jew magni u vaguni (rolling-stock) ta' ferroviji jew linji tat-tramm
ex	8702 00 00	Vetturi bil-mutur għat-trasport għal għaxar persuni jew aktar, inkluż ix-xufier
ex	8703 00 00	Karozzi bil-mutur u vetturi oħrajn bil-mutur prinċipalment maħsubin għat-trasport ta' persuni (ħlief dawk ta' intestatura 8702), inklużi station wagons u karozzi tat-tlielaq, inklużi snowmobiles
ex	8706 00 00	Xażis armati bil-magni, għall-vetturi ta' titli 8701 sa 8705
ex	8707 00 00	Bodis (inklużi kabini), għall-vetturi bil-mutur ta' titli 8701 sa 8705
ex	8708 00 00	Partijiet u aċċessorji tal-vetturi bil-mutur ta' titli 8701 sa 8705
ex	8711 00 00	Muturi (inklużi roti mutur (mopeds)) u roti mgħammrin b'mutur awżiljarju, bis-side-cars jew le; sidecars
ex	8712 00 00	Bajsikils u roti oħrajn (inklużi triċikletti għat-tqassim), mhux immotorizzati
ex	8714 00 00	Partijiet u aċċessorji ta' vetturi ta' titli 8711 sa 8713
ex	8716 10 00	Trejlers u semi-trejlers ta' tip karavana, għal akkomodazzjoni jew ikkampjar
ex	8716 40 00	Trejlers u semi-trejlers oħrajn
ex	8716 90 00	Partijiet
ex	8801 00 00	Blalen tal-ajru u bastimenti tal-ajru diriġibbl; glajders, hangglajders u inġenji oħrajn tal-ajru mingħajr mezz ta' enerġija (non-powered).
ex	8802 11 00	B'piż mingħajr tagħbija mhux aktar minn 2 000 kg
ex	8802 12 00	B'piż mingħajr tagħbija mhux aktar minn 2 000 kg
	8802 20 00	Ajruplani u inġenji oħrajn tal-ajru, b'piż mingħajr tagħbija mhux aktar minn 2 000 kg
ex	8802 30 00	Ajruplani u inġenji oħrajn tal-ajru, b'piż mingħajr tagħbija aktar minn 2 000 kg iżda mhux aktar minn 15 000 kg
ex	8802 40 00	Ajruplani u inġenji oħrajn tal-ajru, b'piż mingħajr tagħbija ta' aktar minn 15 000 kg
ex	8803 10 00	Skrejjen u rotors u partijiet tagħhom
ex	8803 20 00	Undercarriages u partijiet tagħhom
ex	8803 30 00	Partijiet oħrajn ta' ajruplani u ħelikopters
ex	8803 90 10	Ta' tajr (kites)
ex	8803 90 90	Oħrajn

ex	8805 10 00	Armar għal illanċjar ta' ajruplani u partijiet tiegħu armar ta' deck-arrestor u armar simili u partijiet tagħhom
ex	8901 10 00	Vapuri ta' kruċiera, dgħajjes għall-eskursjonijiet u bastimenti simili prinċipalment maħsubin għat-trasport ta' persuni; laneċ ta' kull tip
ex	8901 90 00	Bastimenti oħrajn għat-trasport ta' prodotti u bastimenti oħrajn għat-trasport kemm ta' persuni kif ukoll ta' prodotti
ex	8903 00 00	Jottijiet u bastimenti oħrajn għall-passatemp jew sports; dgħajjes tal-qdif u kenuri

(18) Arloġġi u arloġġi tal-idejn u l-partijiet tagħhom

	9101 00 00	Arloġġi tal-idejn, arloġġi tal-but u arloġġi żgħar oħrajn, inklużi stopwatches, bil-kaxxa ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż
	9102 00 00	Arloġġi tal-idejn, arloġġi tal-but u arloġġi oħrajn, inklużi stopwatches, ħlief dawk ta' titlu 9101
	9103 00 00	Arloġġi b'mekkaniżmi ta' arloġġ tal-idejn jew tal-but, ħlief arloġġi ta' titlu 9104
	9104 00 00	Arloġġi ta' pannella ta' strumenti u arloġġi ta' tip simili għal vetturi, inġenji tal-ajru, inġenji tal-ispazju, jew bastimenti
	9105 00 00	Arloġġi oħrajn
	9108 00 00	Mekkaniżmi ta' arloġġ tal-idejn jew tal-but, kompluti u immuntati
	9109 00 00	Mekkaniżmi ta' arloġġi, kompluti u mmuntati
	9110 00 00	Mekkaniżmi sħaħ ta' arloġġ tal-idejn jew ta' arloġġ, mhux immuntati jew immuntati parzjalment (settijiet ta' mekkaniżmu); mekkaniżmi tal-arloġġi jew tal-arloġġi tal-idejn, immuntati; mekkaniżmi ta' arloġġ tal-idejn jew ta' arloġġ mhux irfinuti:
	9111 00 00	Kaxex ta' arloġġi tal-idejn u tal-but u partijiet tagħhom
	9112 00 00	Kaxex ta' arloġġi u kaxex bħalhom għal prodotti oħrajn ta' dan il-kapitolu, u partijiet tagħhom
	9113 00 00	Ċineg ta' arloġġi tal-idejn, bands ta' arloġġi tal-idejn u brazzuletti ta' arloġġi tal-idejn, u partijiet tagħhom:
	9114 00 00	Partijiet oħrajn ta' arloġġi jew ta' arloġġi tal-idejn jew tal-but

(19) Strumenti mużikali

	9201 00 00	Pjanijiet, inklużi pjanijiet awtomatiċi; ċimbli u strumenti oħrajn bit-tastiera u bil-kordi
	9202 00 00	Strumenti mużikali oħrajn tal-korda (pereżempju, kitarri, vjolini, arpi)
	9205 00 00	Strumenti mużikali oħrajn tan-nifs (pereżempju, orgnijiet bit-tastiera u bil-pajp, akkordjins, klarinetti, trumbetti, ċirimelli), minbarra orgnijiet tal-fieri u orgnijiet mekkaniċi tat-triq
	9206 00 00	Strumenti mużikali tal-perkussjoni (pereżempju, tnabar, ksilofoni, ċimbli, kastanjoli, marakas)
	9207 00 00	Strumenti mużikali, li l-ħoss tagħhom huwa magħmul, jew għandu jkun amplifikat, bl-elettriku (pereżempju, orgnijiet, kitarri, akkordjins)

(20) Xogħlijiet tal-arti, bċejjeċ tal-kollezzjoni u antikitajiet

	9700	Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet

(21) Oġġetti u tagħmir għall-isports, inklużi l-iskijjar, il-golf, l-għadis u sports tal-ilma

ex	4015 19 00	Oħrajn
ex	4015 90 00	Oħrajn
ex	6210 40 00	Ħwejjeġ oħrajn tal-irġiel jew tas-subien
ex	6210 50 00	Ħwejjeġ oħrajn tan-nisa jew tal-bniet
	6211 11 00	Tal-irġiel jew tas-subien
	6211 12 00	Tan-nisa jew tal-bniet
	6211 20 00	Ilbiesi tal-iskijar
ex	6216 00 00	Ingwanti, ingwanti li jgħattu erba' swaba biss (mittens) u ingwanti li jgħattu nofs is-swaba' biss (mitts)
	6402 12 00	Stvali għall-iskijar, ilbies tar-riġlejn għal skijar fil-kampanja u stvali tal-bords tas-silġ
ex	6402 19 00	Oħrajn
	6403 12 00	Stvali għall-iskijar, ilbies tar-riġlejn għal skijar fil-kampanja u stvali tal-bords tas-silġ
	6403 19 00	Oħrajn
	6404 11 00	Ilbies tal-isports għar-riġlejn; żraben tat-tennis, żraben tal-baskitbol, żraben tal-ġinnastika, żraben tat-taħriġ u bħalhom
	6404 19 90	Oħrajn
ex	9004 90 00	Oħrajn
ex	9020 00 00	Apparat ieħor ta' respirazzjoni u askri tal-gass, ħlief maskri protettivi li la fihom partijiet mekkaniċi u lanqas filtri sostitwibbli
	9506 11 00	Skis
	9506 12 00	Qfil tal-iski (irbit tal-iski)
	9506 19 00	Oħrajn
	9506 21 00	Twavel tas-sailing
	9506 29 00	Oħrajn
	9506 31 00	Stikek, kompluti
	9506 32 00	Blalen tal-golf
	9506 39 00	Oħrajn
	9506 40 00	Oġġetti u tagħmir għat-tabletennis
	9506 51 00	Rakketti tat-tennis, bl-ispag jew le
	9506 59 00	Oħrajn
	9506 61 00	Blalen tat-tennis
	9506 69 10	Blalen tal-cricket u tal-polo

	9506 69 90	Oħrajn
	9506 70	Skejz tas-silġ u skejz bir-roti, inklużi stvali tal-iskejzjar bi skejz imwaħħlin
	9506 91	Oġġetti u tagħmir għal eżerċizzju fiżiku ġenerali, ġinnastika jew atletika
	9506 99 10	Tagħmir ta' cricket u polo, ħlief blalen
	9506 99 90	Oħrajn
	9507 00 00	Qasab tas-sajd, snanar u tagħmir ieħor tas-sajd bil-lenza; xbieki biex jittella' l-ħut, xbieki għall-friefet u xbieki simili; "għasafar" tan-nasba (ħlief dawk ta' titlu 9208 jew 9705) u rekwiżiti simili tal-kaċċa jew tal-isparar

(22) Oġġetti u tagħmir għall-biljard, bowling awtomatiku, logħob tal-każinò u logħob imħaddem b'muniti jew noti bankarji

	9504 20 00	Oġġetti u aċċessorji għal biljards ta' kull tip
	9504 30 00	Logħob ieħor, li jaħdem bil-muniti, karti tal-flus, kards tal-bank, towkins jew metodi oħra ta' ħlas, ħlief tagħmir tal-korsija tal-brilli (bowling)
	9504 40 00	Karti tal-logħob
	9504 50 00	Pannelli għall-kontroll (consoles) u magni ta' logħob tal-vidjow, għajr dawk taħt titlu 9504 30
	9504 90 80	Oħrajn"